MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru. 966/2006

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Bernice Formosa
Davinia Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Bernice Formosa 21 sena mwielda Pieta' D/O/B. 5/01/1985 bin il-mejjet Joseph u Antonia nee Farrugia res 3/1 Triq San Pawl Ir-Rabat detentur ta' Karta tal-identita Nru 61585M

U

Davinia Formosa 15 sena mwielda Zebbug Malta D/O/B. 29/11/1990 bint il-mejjet Joseph u Antonia nee Farrugia res 3/1 Alley 1 Triq San Pawl Rabat Malta detentur ta' Karta tal-identita 0566190M gew akkuzati talli nhar id-9 ta' Settembru 2006 Nru 3 Sqaq Nru Wiehed Triq San Pawl Ir-Rabat u gewwa triq Santa Rita u l-ghassa tal-Pulizija Ir-Rabat Malta b'diversi atti maghmulin minnhom b'rizoluzzjoni wahda ghall-habta ta' 1.30pm u hinijiet ohra

Bil-hsieb li jaghmlu hsara lill-diversi membri tal-Korp Tal-Pulizija u cioe lill- PS426 A. Portelli, WPS Anne Marie Micallef PS287 C. Cordina u PC56 Jean Karl Grech. akkuzaw lil-istess membri tal-korp tal-Pulizija quddiem awtorita kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dawn il-persuni huma innocenti u dan ai terminu tal-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi ttantaw li jikkommettu griehi gravi fuq il-persuni tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija skond l-artikoli 41, 214 u 216 tal-Kap 9

U aktar talli fl-istess, lok, hin dati u taht l-istess cirkostanzi bil-qerq holqu jew gieghelu li jidher car li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra l-membri tal-korp tal-Pulizija imsemmija bil-hsieb li dawn il-ufficjali pubblici ikunu jistghu jigu kontra is-sewwa akkuzati jew misjuba hatja tar-reat u dan ai terminu tal-artikolu 110 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U Aktar talli fl-istess lok, hinijiet, dati u taht l-istess cirkostanzi Attakkaw u ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika kontra il-Persuni inkarigati skond il-ligi min serviz pubbliku u cioe' fuq il-persuni ta' PS426 A. Portelli, WPS Anne Marie Micallef PS 287 C. Cordina u PC56 Jean Karl Grech. filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill awtorita kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' malta

U aktar talli fl-istess lok hin u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni tas-Surgent 426 A. Portelli, WPS41 A.M. Micallef u PC56 J.C. Grech u dank if iccertifikaw kif iccertifikaw Dr. Mary Vella Md Tac-centru tas-Tas-sahha tal-Mosta u Dr. Micheal Spiteri Md Tal-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 212 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess lok hin u cirkostanzi Ingurjaw jew heddhu jew ghamlu offizi fuq il-persuni ta’ tas-Surgent PS426 A. Portelli, WPS Anne Marie Micallef PS287 C. Cordina u PC56 Jean Karl Grech inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ u dan ai terminu tal-artikoi 92, 95 u 18 tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess lok hin u that l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu il-gieh tal-membri tal-korp tal-Pulizija weggghuhom bi kliem malafamanti u dan ai termini tal-a rtikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess lok hin u taht l-istess cirkostanzi ikkagunaw hsara volontarja fuq partijiet mill-uniformi tal-Pulizija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta’ Malta u dan ai terminu tal-a rtikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi heddew lill-istess Ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi irrifjutaw jew taw falz lill-istess ufficjal piubbliku jew lill-wiehed iehor li jkun inkarigat minn serviz pubbliku waqt li jkun jghmlu id-dmirijiet taghhom isimhom, kunjomhom fejn joqghodu u il-partikolarijiet l-ohra u dan ai terminu tal-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

U aktar talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi kissru volontarjament kissru il-bon ordni u paci pubblika u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija esekuttiva u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' tija tipprovdi ghas-sigurta tal-membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija aktar il-fuq sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383(1),(2)(3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. TMP1 u nnutat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati inghataw bhala akkuzi alternattivi ghas-seba' akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati u inoltre iddikjara illi t-tieni akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hames akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati. Ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati. L-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-tmien akkuza migjuba fil konfront taz-zewg imputati iddikjara li l-hsara volontarja kagunata fuq l-uniformi tal-Pulizija ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta, hi fl-ammont ta' Lm13.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Roberto Montalto ghall-imputati iddikjara li d-Difiza qeghda taccetta dan l-ammont ta' hsara rigwardanti t-tmien akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma hatja tar-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza, it-tmien akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tar-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza, it-tmien akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma qeghdin jiskuzaw ruhhom dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputata Bernice Formosa l-artikoli 18, 31, 92, 95, 96, 221, 252, 325(1)(c), l-ahhar Proviso tas-sub-artikolu 325(1), 339(1)(e), 338(g), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputata Davinia Formosa l-artikoli 18, 31, 37, 92, 95, 96, 221, 252, 325(1)(c), l-ahhar Proviso tas-sub-artikolu 325(1), 339(1)(e), 338(g), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Bernice Formosa, fuq ammissjoni, hatja tar-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza, it-tmien akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imsemmija imputata, l-eta' tenera tal-istess imputata u li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma

qeghdin jiskuzaw ruhhom dwar l-akkadut, inkwantu ghar-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza u s-seba' akkuza u t-tmien akkuza tillibera lill-istess imputata Bernice Formosa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u tikkundanna lill-istess imputata Bernice Formosa ghall-piena ta' tlettax-il Liri Maltin (Lm13) multa ekwivalenti ghall-hsara volontarja li saret mill-imsemmija imputata fuq proprjeta pubblika li tirrigwarda t-tmien akkuza migjuba kontra l-istess imputata u nkwantu ghad-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza tikkundanna lill-imsemmija imputata Bernice Formosa ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (LM25) ammenda ghal kull wahda minn dawn l-imsemmija erba' akkuzi.

Issib lill-imputata Davinia Formosa, fuq ammissjoni, hatja tar-raba' akkuza, il-hames akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza, it-tmien akkuza, id-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li rigward l-imsemmija imputata japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fedina penali netta tal-imsemmija imputata u li fis-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li huma qeghdin jiskuzaw ruhhom dwar l-akkadut, inkwantu ghar-raba' akkuza, is-sitt akkuza, is-seba' akkuza u t-tmien akkuza tillibera lill-imsemmija imputata Davinia Formosa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum u tikkundanna lill-istess imputata Davinia Formosa ghall-piena ta' tlettax-il Liri Maltin (Lm13) multa ekwivalenti ghall-hsara volontarja li saret mill-imsemmija imputata fuq proprjeta pubblika li tirrigwarda t-tmien akkuza u nkwantu ghad-disa' akkuza, l-ghaxar akkuza, il-hdax-il akkuza u t-tnax-il akkuza tikkundanna lill-imsemmija imputata Davinia Formosa ghall-piena ta' ghoxrin Liri Maltin (LM20) ammenda ghal kull wahda minn dawn l-imsemmija erba' akkuzi.

Inkwantu ghall-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, fid-dawl ta'

dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija tlett akkuzi fil-konfront tal-imsemmija zewg imputati.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Bernice Formosa u Davinia Formosa ihallsu minnufih bejniethom f'partijiet ugwali lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tlett mija u wiehed u tmenin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm381.50) rappresentanti spejjes inkorsi rigward in-nomina tal-Esperti li jirrigwardaw dan il-kaz.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Bernice Formosa u Davinia Formosa b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) kull wahda li jzommu l-kwiet ma' PS426 A. Portelli, WPS41 A.M. Micallef, PS287 C. Cordina u PS56 J. K. Grech u li jzommu l-bon-ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Bernice Formosa u Davinia Formosa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------